MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

# AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITA` TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Marzu 2026

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qed toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tidentifika u tinforma lill-pubbliku li l-kumpanija:

## MBL Garage Door Solutions Ltd

naqset milli tosserva diversi deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur, minkejja diversi tentattivi li saru sabiex tinkiseb il-konformità magħhom.

F'każ wieħed, il-kumpanija ġiet ordnata tħallas lura lill-konsumatur is-somma ta' tlett elef u seba' mitt ewro (€3,700), li tirrappreżenta l-ammont imħallas mill-konsumatur għal żewġ bibien tal-garaxx difettużi.

F'żewġ każijiet oħra mressqa mill-istess konsumatur, il-kumpanija ġiet ordnata, rispettivament, tħallas lura lill-konsumatur is-somom ta':

- ħamest elef u tmien mitt ewro (€5,800), li tinkludi mitejn ewro (€200) bħala danni morali. F'dan il-każ, il-konsumatur kien xtara xatba li tiżżerżaq mingħand in-negozjant; madankollu, ix-xatba bdiet issaddad u ma ntlaħaq ebda ftehim sabiex il-kwistjoni tiġi solvuta; u
- tlett elef, mitejn u erbgħin ewro (€3,240), li tinkludi erbgħin ewro (€40) bħala danni morali. F'dan il-każ, il-konsumatur kien xtara żewġ bibien tal-garaxx, li wieħed minnhom kien jeħtieġ aġġustamenti fil-pannelli li qatt ma twettqu.

F'dawn il-każijiet kollha, MBL Garage Door Solutions Ltd ġiet ordnata wkoll tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Dan l-Avviż Pubbliku qed jinħareġ fl-interess tal-ħarsien tal-konsumaturi u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra li tista' tittieħed skont il-liġi. Dan l-avviż ma jikkostitwixxix deċiżjoni dwar kwalunkwe kwistjoni oħra lil hinn minn dak stabbilit fid-deċiżjonijiet tat-Tribunal imsemmija hawn fuq.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)